MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 312/2002/1

**Rachid Chouhal**

**vs.**

**Marvic Scerri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta Marvic Scerri fit-23 ta' Marzu 1997, certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. "A", minn liema zwieg ma twieldux tfal, liema zwieg sussegwentement tkisser irrimedjabbilment u l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Settembru 1999;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien marbut b'kundizzjoni li tirreferi ghall-futur, specifikament illi ma jkollhomx tfal miz-zwieg taghhom;

Illi l-partijiet ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null *ai termini* tas-**subartikoli 19 (1) (d), u / jew 19 (1) (f) u / jew 19 (1) (g) u /jew 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tat-8 ta' Ottubru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavits tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-14 ta' Ottubru 2002 a fol. 16 fejn gie eccepit:-

1. Illi jekk hemm ragunijiet l-ghaliex l-istess zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett, dawn huma mputabbli lill-istess attur u mhux lill-konvenuta, u ghalhekk, dawn ghandhom jigu attribwiti lilu, u dana kif sejjer jirrizulta ahjar waqt il-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat in-nota tal-attur tad-19 ta’ Novembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess, ta’ Antonella Cachia, ta’ Hajiba Chouhal u kuntratt ta’ separazzjoni.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 27 ta’ Dicembru 2002 li permezz taghha pprezentat l-avvidavit taghha stess, ta’ David Azzopardi u ta’ Jonathan Attard.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Jannar 2003 fejn fuq talba ta’ Dr. Carole Zammit Montebello ghall-attrici, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Gunju 2003 bil-fakolta li l-attur jipprezenta n-nota t’osservazzjonijiet tieghu fi zmien hamsin (50) gurnata, bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollha l-istess terminu biex tirrispondi.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 12 ta’ Frar 2003 u dik responsiva tal-konvenuta datata 20 ta’ Mejju 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 2 ta’ Gunju 2003 fejn talab korrezzjoni fit-talba fic-citazzjoni fejn erronjament il-kliem *“attrici”* u *“konvenut”* gew miktuba minflok *“attur”* u *“konvenuta”* rispettivament.

Rat ukoll id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-3 ta’ Gunju 2003 fejn laqghet it-talba.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attur **Rachid Chouhal** ta x-xhieda tieghu permezz tal-parocedura tal-affidavit fejn sostna hekk:-

*"Jien ili nghix Malta mill-1996. Gejt nghix Malta billi kienu jghixu hawn huti l-bniet Hajiba, Ii fil-fatt ghadha tghix hawn u Zhor li qeghda l-Ingilterra. Kienu hajruni nigi u jien bdejt nipprattika l-atletika hawn.*

*Fis-sajf ta' l-1996 ohti laqqghatni ma' Marvic Scerri. Kienu saru jafu lil xulxin minn fuq il-post tax-xoghol xi ftit taz-zmien qabel u kienet tghidilha tigi d-dar. Hawn naturalment sirna nafu lil xulxin billi jien kont nghix ma' ohti Zhor. Dak iz-zmien jien kelli ghoxrin sena u Marvic madwar tmintax-il sena. Hi kienet wahda mill-ewwel persuni li ltqajt maghhom hawn Malta u ghamilt hbieb maghha.*

*Ghall-ewwel konna nohorgu nieklu flimkien, jigifieri jien, Marvic u ohti izda eventwalment bdejna nohorgu jien u Marvic wahedna. Qatt ma kellna hbieb in komuni minbarra l-familjari taghna ghas-semplici raguni li ma tantx domna biex izzewwigna u wara z-zwieg ma tanx konna nghaddu zmien flimkien.*

*Domna gharajjes xi tmien xhur. Jien bqajt ghaddej bil-karriera u 'training' sportiv tieghi. Marvic qatt ma kienet taghmilli ebda pressjoni biex nieqaf mit-'training' tieghi. Dak iz-zmien jien kont nilghab il-'football' ukoll u kont naqla' xi mitejn lira fix-xahar kif ukoll xi 'bonuses' li pero' ma kienux fissi.*

*Kont insiefer ta' spiss, xi darba kull xahrejn, ghal xi 'training camps' u hi ma kenet tghidli xejn. Dan it-'training' kien importanti ghalija billi kien xoghli u kont nemmen li kelli talent biex immur tajjeb. Hi kienet tissupsetta hafna hazin fl-atleti femminili u kienet tghir ghall-prezenza taghhom.*

*Il-ġenituri ta' Marvic kienu pprovdew post fil-Belt għal Marvic u aħna bdejna nirrangawh u sadanittant bdejna ngħixu flimkien għand oħti Hajiba f'Ta' Xbiex. Aħna konna ilna nafu lil xulxin xi erba' xhur u kollox kien miexi sew bejnietna.*

*Meta bdejna ngħixu flimkien bdejna niddiskutu z-zwieġ. Hi qaltli li ladarba kellna post u ġja' konna qegħdin ngħixu flimkien stajna naqbdu u nizzewġu u niftakarha tgħidli illi fl-aħħar mill-aħħar kulma kien jonqos 'biċċa karta' għaz-zwieġ ladarba konna ngħixu flimkien.*

*Għandi ngħid illi Marvic kienet it-tip li ma tantx tħares 'il quddiem u meta tkun trid xi ħaġa ma kinetx tara jekk il-ħaġa kinetx tajba jew le iżda kienet taqbad u tagħmilha mingħajr ma taħseb fil-konsegwenzi. Eżempju ta' dan kien meta qabdet u xtrat karozza mingħajr ma qagħdet taħseb wisq jekk kellhiex biżżejjed flus biex iżżommha.*

*Jien kont ikkunsidrajt illi ladarba aħna kellna post fejn ngħixu u ladarba t-tnejn konna naħdmu, hi f'fabbrika tal-ħjata u jien billi kont nilgħab il-'football', stajna ngħixu sew. Ħsibt ukoll li la kollox kien mexa sew sa dak iż-żmien, meta konna ilna xi sitt xhur flimkien, ma kellux ikollna problemi fil-ħajja mizzewġa u la konna naqblu.*

*Għaldaqstant iddeċidejna li nizzewġu. Bqajna ngħixu Ta' Xbiex ma' oħti Hajiba iżda wara ftit kellna nitilqu minn hemm għax Hajiba kellha xi tgħid mar-raġel tagħha u morna ngħixu l-Marsa u Hajiba ġiet magħna.*

*Għandi ngħid li l-ġlied li kellha oħti mar-raġel tagħha kien dovut in parti għall-preżenza tiegħi u Marvic u għall-kapriċċi ta' Marvic li ftit żmien wara li żżewwiġna nbidlet għal kollox.*

*Qabel iż-żwieġ kienet persuna kwieta u simpatika iżda wara z-zwieġ ma kinetx tintagħraf. Kienet saret ħafna aktar possessiva. Bdiet tiġi miegħi għat-'training' u bdiet tgħir ħafna aktar għall-atleti nisa li kienu jittrejnjaw miegħi. Kif ġja' għidt jien ma kelli xejn x'naħbi u saħansitra kont*

*sifirtha mieghi ghall-Kompetizzjoni tant ridt nuriha li ma kien hemm xejn bejni u l-atleti l-ohrajn.*

*Rigward il-hajja taghna flimkien din ma kienet trankwilla xejn. Marvic ma kinetx imdorrija tghix wahedha u tiehu hsieb taghha nnifisha u ghaldaqstant sabitha stramb hafna meta wara z-zwieg kellha tiehu r-responsabbiltajiet fuqha filwaqt li qabel kienet dejjem tibbaza ruhha fuq haddiehor biex jaghmlilha l-affarijiet.*

*Jien ukoll kelli suspetti serji dwar il-fedelta' taghha izda filwaqt illi jien ma kont inqast qatt, is-suspetti tieghi dwarha kienu konfermati minn att ta' cirkostanzi.*

*Dawn is-suspetti kienu bdew meta whud mill-kugini z-zghar taghha kienu, b'dispett lejha, jaghtuni x'nifhem illi hi kienet qeghda tahbi xi haga minni. Dan kien jigri meta hi kien ikollha xi tghid maghhom.*

*Naf li dan ma kien ifisser xejn izda l-atteggjament taghha meta huma kienu jghidulha illi "ser nghidulu kollox" kien igieghelni nahseb hazin ghax kienet tidher li qeghda tinbela u li trid tahbi xi haga. Xi drabi staqsejtha izda meta kienet tghidli li ma kien hemm xejn x'tahbi jien ma kontx inkompli nithasseb wisq.*

*Pero' barra minn dawn ir-rimarki tal-kugini taghha l-imgieba taghha ukoll kienet ittini hafna x'nahseb hazin. Hi kienet tohrog hafna ma' shabha u meta nistaqsiha ma kinetx taghtini risposta fejn marret. Jien kont inkun ghajjien wara t-'training', specjalment billi kont nidhol tard id-dar u ma tantx kien ikolli aptit nidhol f'argumenti u kont inhalliha taghmel. It-'training' kien importanti hafna ghalija billi kien ikolli kompetizzjonijiet ta' livell internazzjonali u hi ma kienet tiehu ebda nteress f'dak li kont qed naghmel.*

*Darba fost l-ohrajn niftakar ukoli illi hi kellha tigi tiltaqa' mieghi waqt kompetizzjoni ta' l-atletika li kont qed niehu sehem fiha izda giet tard, hafna aktar tard milli konna ftehemna u fil-fatt l-'event' tieghi kien ghadda. Jien irrabjajt u staqsejtha ghalfejn giet tard. Hi qaltli li kienu serqulha s-*

*CD's zda dan ma kienx minnu u jien aktar bdejt nissuspetta hazin meta rajt marka fuq ghonqha.*

*Spiss konna niggieldu ghax minbarra dawn is-suspetti tieghi hi kienet tonqos milli ssajjar u ma kienet turi ebda tracca ta' rispett lejja bhala r-ragel taghha. Kienet tgorr il-hin kollu ghax nohrog, anke jekk tkun taf illi sejjer ghat-'training' u ma kienx ikollna mument wiehed ta' paci.*

*Ghall-ewwel jien kont ippruvajt naghmel xi tentattiv ta' rikonciljazzjoni izda l-attitudini taghha kienet dejjem tmur ghall-aghar u wara ftit zmien qtajt qalbi minnha billi hi ma kinetx turi rieda tajba sabiex tipprova ttejjeb il-qaghda taghna.*

*Tant kienet kbira l-bidla taghha li filwaqt li qabel iz-zwieg kienet dejjem tismaghni jekk ikolli xi problemi, wara z-zwieg kienet tiddizinteressa ruhha kompletament minn kollox. Fil-fatt niftakar ezempju car ta' dan meta jien kont mort infittex farag ghandha billi ohti, li kienet habiba tajba taghha, kienet ser taghmel operazzjoni pjuttost serja u hi mhux talli ma wrietx interess f'dan izda qaltli li ma kienx affariha.*

*Dan kollu kien gieghelni ninduna li konna ghaggilna meta ddecidejna li nizzewgu billi kien jidher car illi min-naha ta' Marvic ma kien hemm ebda nteress fl-ghaqda taghna u qatt ma kien hemm interess, lanqas fil-bidu stess taz-zwieg, li fil-fehma tieghi marti dahlet fih minghajr ma kienet tobsor x'kienu ser ikunu r-responsabbiltajiet u l-konsegwenzi ta' tali decizjoni. Fil-fatt l-uniku haga miz-zwieg li kienet tezisti bejnietna kien il-fatt li konna nghixu taht l-istess saqaf. Il-bqija zgur ma kienx hemm l-ghaqda jew ir-rieda minn naha taghha li jsir xi haga.*

*L-akbar prova ta' dan kollu ghalija kien l-adulterju taghha lejja li kulma kien imur iz-zmien kien qed isir aktar evidenti, sa ma fl-ahhar ammettietu hi stess.*

*Dan kienet qeghda tinduna bih ohti wkoll illi kienet tafha u kienet innotatha titkellem ma' rgiel ohrajn. Gara wkoll li darba fost l-ohrajn certu persuna kien sahansitra qal lil*

*ohti, billi ma kienx jaf li ohti kienet taf lil Marvic sew, li din kienet qeghda tbiddel lir-ragel taghha.*

*Marvic sa fl-ahhar waslet biex ammetiet l-adulterju taghha billi ma kellhiex triq ohra hlief din. Fil-fatt hi kienet spiccat tqila minn ragel iehor waqt li ahna konna ghadna mizzewgin. Jien kont naf illi t-tifel ma setax kien tieghi billi jien kont barra minn Malta ghal-'Training Camp' meta gie koncepit u barra minn hekk, minhabba s-sitwazzjoni hazina li konna fiha, ahna ma kellniex aktar x'naqsmu ma' xulxin ghal hafna zmien. Dan jirrizulta mill-kuntratt tas-separazzjoni taghna li qieghed jigi anness ma' dan id-dokument.*

*F'dan il-punt jien tlift l-interess tieghi kollu fiha u fiz-zwieg taghna u hadt passi sabiex nisseparaw. Naf illi eventwalment Marvic kellha 'twins' minn relazzjoni ma' xi hadd wara li ntemm iz-zwieg taghna ghalkemm ma nafx x'gara dwar l-ewwel tqala.*

*Jien ghandi nghid illi r-rieda sabiex jirnexxi dan iz-zwieg kienet gejja min-naha tieghi biss u Marvic qatt ma hadet ebda nteress fija jew fiz-zwieg taghna kemm domna mizzewgin. Hi kienet iggib ruhha qisha persuna mhux mizzewga u qatt ma wriet ir-rabta jew l-interess u dedikazzjoni li necessarjament jirrekjedi z-zwieg. Fil-fatt, minbarra l-adulterju taghha, hi qatt ma kienet tkun id-dar meta kont inkun hemm jien wara t-'training' u rari hafna konna niltaqghu. L-izball min-naha tieghi kien li nahseb ii ghaggilt wisq u ma kontx indunajt li hi ma kinetx matura biz-zejjed ghaz-zwieg".*

Illi tressqu wkoll bhala xhieda permezz tal-affidavit **Antonella Cachia** u **Hajiba Chouhal**.

Illi min-naha taghha l-konvenuta **Marvic Scerri** wkoll permezz ta' affidavit irribattiet billi qalet:-

*"Jiena sirt naf lil Rachid ghax kont naf lil ohtu Zhor ghax konna mmorru flimkien nippruvaw insibu post ghax-xoghol. Jiena kont habiba sew ta' ohtu, u kont inqatta' hafna zmien maghha. Hi kienet dejjem titkellem fuq*

*Rachid u jiena ghelbitni il-kurzita'. Hi rat interess min-naha tieghi u kienet ghamlet mod illi jiena u Rachid niltaqghu ghall-ewwel darba.*

*Mill-ewwel darba li ltqajna 'l quddiem kien qisu 'colpo di fulmine' ghaliex bdejna niffrekwentaw lil xulxin hafna. Madanakollu l-familja tieghi ma rieduhx ghax kien barrani, u kienu jaghmlulna hafna ntoppi biex jirrendulna l-hajja difficli. Jiena dan l-atteggjament min-naha tal-familja tieghi urtani u dejjaqni hafna, u ddecidejt illi biex nisfida lill-genituri tieghi jiena nitlaq mid-dar.*

*Iddecidejt immur nghix fir-residenza ta' oht Rachid l-ohra, illi jisimha Hajiba, illi kienet toqghod Ta' Xbiex mar-ragel taghha u ma' Rachid. Jiena kont naqbel hafna ma' Hajiba imma hi kienet tiggieled hafna mar-ragel taghha. Jiena u Rachid konna ghadna ferhanin b'xulxin u ma kienx hemm problemi kbar. Konna ilna xi xahar biss li ltqajna. Madanakollu konna naraw lil xulxin biss xi siegha jew saghtejn kuljum. Dana kien jigri minhabba l-fatt illi hu kien iffissat fit-'training' u llum huwa atleta professjonist. Kien ukoll jilghab il-futbol u ghalhekk ma tantx kien hemm hin biex noqoghdu flimkien u nsiru nafu lil xulxin b'mod xieraq.*

*Jiena qabel ma ltqajt ma' Rachid kont inkanta u naghmel id-drama. Pero' Rachid ma kienx jiehu gost b'dan u kien igorr hafna fuq hekk. Minhabba fih, allura, jiena naqqast hafna minn dawn il-'hobbies' tieghi ghaliex deherli illi kelli nsalva r-relazzjoni. Kien jidher illi ma tantx kien jifhem il-bzonn tieghi ta' dawn il-'hobbies'. Jiena xi kultant kont inkanta anke bhala xoghol, pero' xorta ma kienx jiehu gost. Kien qisu ma jaccettax illi jiena naghmel dawn l-affarijiet, illi hija haga stramba meta wiehed jikkunsidra kemm kien iffissat fit-'training' tieghu u x'importanza kien itih. Konna nillitikaw fuq hekk.*

*Wara ftit xhur, jiena, Rachid u ohtu Hajiba tlaqna minn Ta' Xbiex, ghax ohtu kienet iggieldet mar-ragel, u morna nghixu l-Marsa. Il-genituri tieghi aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar bdew jippruvaw ibeghduni minnu u jbezzghuni minnu meta kont inkellimhom. Huma kienu jghiduli illi dak jista' jizzewweg aktar minn mara ohra, jista'*

*jizzewweg seba’ nisa, u diskors iehor bhal dan. Kienu jghiduli illi l-kultura u r-religion differenti kienu sejrin jikkawzaw il-problemi. Jiena aktar ma kienu jaghmluli hekk aktar kont nissuppervja u nwebbes rasi kontrihom. Tant hu hekk illi xi tmien xhur wara illi ltqajna jien u Rachid, iddecidejna illi nizzewgu. Jiena dan ghamiltu biex inkompli nisfida lil tad-dar tieghi u biex ma jkollix noqghod maghhom. Biex tghaxxaqha huma kienu jghiduli illi konna pogguti u jiena ma ridtx illi s-sitwazzjoni tibqa’ hekk.*

*Jiena dak iz-zmien kont nahseb illi nhobbu lil Rachid, pero’ ma kelli lil hadd ma’ min stajt nitkellem fuq hekk, anke ghaliex ma’ tad-dar kont miggielda u ma kienux ihalluni nitkellem dwaru, u ma tantx kelli hbieb nisa tal-qalb. Meta zzewwigna, jiena kelli (19) dsatax-il sena u hu kellu wiehed u ghoxrin (21) sena.*

*Jiena kont ghidtlu illi la l-genituri tieghi ma riedux jaccettawh bl-ebda mod, allura kien ikun l-ahjar kieku nizzewgu biex b’xi mod jew iehor ikollhom jaccettawh. Dana kien kollu ghalxejn ghall-bidu, ghax spiccaw biss biex accettawh meta bdew jarawlu ismu fuq il-gazzetti meta jirbah il-kompetizzjonijiet ta’ l-atletika.*

*Jiena kont ghidtlu illi wara kollox iz-zwieg kull m’hu bicca karta, galadarba konna gja’ nghixu flimkien qabel, u ma kien ser jaghmel l-ebda differenza. L-unika differenza li seta’ jaghmel kienet illi b’hekk stajt nirbhilhom u jkollhom jaccettawh xorta, apparti illi ma jaqilghux aktar inkwiet. Jiena dak iz-zmien kelli dsatax-il sena u kienu ghadhom jeffettwawni hafna.*

*Izzewwigna u bqajna noqoghdu l-Marsa. Hadd mill-familja tieghi ma attenda ghaz-zwieg. Jiena dak iz-zmien kont nahdem il-Bortex u hu kien jaqla’ xi haga mill-isports.*

*Wara li zzewwigna bdejt ninduna wkoll kemm kien eccessivament marbut mal-familja tieghu. Il-problemi bejnietna bdew jizviluppaw malajr hafna. Hu kien jimxi hafna fuq dak illi jghidulu hutu l-bniet u ma kienx jaghti kaz ta’ dak illi nghid jien. Il-familja tieghu kienet hafna aktar importanti ghalih, u kont inhoss illi jiena kont nigi l-ahhar*

*ghalih. Kieku kelli naghmel gradwatorja kont nghid illi hu kien iqieghed it-'training' l-ewwel, lil familja tieghu t-tieni, imbaghad lili fl-ahhar jekk jibqa' spazju u hin.*

*Darba minnhom kien hawn huh il-kbir hawn Malta, u dan huh il-kbir kien hareg Paceville. Peress illi dam sa tard u hut Rachid il-bniet kienu nkwetati, baghtu lil Rachid biex ifittxu go Paceville f'xi s-siegha ta' fil-ghodu. Inzid nghid illi dak iz-zmien huh kellu xi tmienja u ghoxrin (28) sena, u jiena ghidtlu lil Rachid illi huh ma kienx 'baby' u li ma kienx hemm bzonn ta' dan il-'hassle' kollu. Pero' Rachid tant kien jaghti biss kaz ta' dak illi jghidu hutu, illi spicca biex mar Paceville u baqa' jistenna lil huh bil-qieghda fuq bankina hdejn tat-'taxis' ghax ma setghax isibu, u dana meta huh kien xi seba' snin akbar minnu.*

*Dan l-istess atteggjament kont narah meta kont nitolbu biex iwassalni x'imkien. Kien jaqlaghli qalbi biex iwassalni, mentri meta hutu kienu jitolbuh, kien jaqbad u jwassalhom kullimkien u bi problemi ta' xejn.*

*Wara li zzewwigna kien isiefer regolarment minhabba kompetizzjonijiet. Meta kien isiefer kien icempilli rari hafna. Darba minnhom cempilli malli wasal biex jghidli illi kien qieghed ma' atleta tfajla u illi kienu tilfu l-'coach' u ma kienux jafu fejn sejrin jorqdu. Imbaghad kien cempilli biss sebghat ijiem wara meta kien gej lura, biex jghidli li gej lura Malta.*

*Inzid nghid illi kont naghmilha cara lil Rachid illi jiena xtaqt hafna jkolli tfal, pero' hu dejjem kien jghidli illi jekk ninqabad 'pregnant' huwa kien jitlaq u kienu jinqalghu problemi enormi illi kienu jirrovinaw ir-relazzjoni taghna. Jiena kien jiddispjacini hafna fuq dan.*

*Wara li zzewwigna, Rachid beda hafna anqas jikkalkulani minn qabel.  Kif diga' ghidt, kien jaghti hafna aktar kaz ta' hutu milli ta' martu.  Meta konna ha nkunu ha nohorgu, jekk inkunu hergin wahedna kien jghidli biex ma naghmilx 'make-up', waqt illi jekk konna sejrin niltaqghu mal-hbieb tieghu, kien jghidli biex naghmel. Kont inhoss illi ma kontx qeghda nigi apprezzata u dana kien iweggaghni. Fit-ftit*

*xhur ta’ gherusija bejnietna, is-sitwazzjoni kienet ahjar minn hekk. Kien qisu qed ihossu maqbud f’xi haga maghluqa.*

*Jiena meta bdejt nara illi hu ma kienx ihobbni kif hsibt illi kien ihobbni, darba minnhom waqt illi Rachid kien qieghed imsiefer ghal darb’ohra fuq ‘training’, kont qeghda nkanta u iltqajt ma’ xi haddiehor. Jiena bdejt insib f’din il-persuna ohra dak illi Rachid ma kienx itini, u li milli jidher qatt ma kien intenzjonat itini. Jiena kont inhoss illi dik is-sitwazzjoni gabha b’idejh Rachid ghax ma kienx jiehu hsiebi kif suppost, pero’ nhoss ukoll illi kieku ma ghaggilniex daqshekk biex izzewwigna u kieku zzewwigna ta’ eta’ akbar, konna nkunu f’pozizzjoni fejn aktar inkunu nistghu naraw x’inhu tajjeb u x’inhu hazin ghalina t-tnejn.*

*Wara illi jiena nqbadt ‘pregnant’, iddecidejna illi nisseparaw ghax kull tama illi nergghu lura flimkien kienet ghebet ghal kollox.*

*Jiena qabel ma zzewwigna, ma hsibtx dwar jekk kontx lesta nghaddi hajja shiha mieghu u illi naqsam mieghu kulma jkolli f’hajti.  Issa nirrealizza illi dak illi kelli lejn Rachid kienet infatwazzjoni u xejn aktar. Jiena konvinta illi ddecidejt illi nizzewgu, apparti minhabba l-genituri tieghi, minhabba illi hu kien joghgobni u li kont ghadni zghira wisq, anke mentalment, biex nasal ghal decizjoni bhal din.*

*Sa fejn naf jiena, illi kien fidil lejja fiz-zwieg, ghalkemm darba minnhom sibtlu fl-but ta’ gakketta pakkett ‘condoms’ b’wiehed nieqes.*

*In rigward ghal dak illi ntqal minn Rachid fl-affidavit tieghu, mhuwiex minnu illi jiena xtrajt karozza u ma kellix flus biex inzommha, tant hu hekk illi jiena m’ghandix licenzja tas-sewqan u lanqas biss qatt ma ghidtlu lilu li xtaqt nixtri karozza.*

*Mhuwiex minnu wkoll illi huwa qatt sifirni ghal waqt il-kompetizzjonijiet tieghu, ghaliex fil-fatt huwa qatt ma sifirni ghal hekk.*

*In rigward ghall-hrug, nixtieq nghid illi jiena kont nohrog ta' spiss wahdi ghaliex hu ma kellu l-ebda nteress biex johrog, u kif gja' ghidt kien mohhu biss fit-'training' u illi ma kienx jiehu hsiebi meta konna flimkien. Jiena lanqas ma nhoss illi hu kien jaf x'qed jaghmel meta zzewweg mieghi in rigward ghall-obbligi taz-zwieg, imma nahseb illi wahda mir-ragunijiet ghalxiex izzewwigni kienet illi ried illi ma jkollux problemi ma' l-Immigration, fis-sens illi malli zzewwigni seta' jibqa' hawn bla problemi ta' xejn.*

*Jiena nhoss illi dak iz-zmien kont immatura wisq biex nidhol f'rabta illi ddum ghal ghomrok kollu. Ir-relazzjoni tieghi ma' Rachid kienet l-ewwel relazzjoni daqsxejn twila illi qatt kelli u ma kontx f'pozizzjoni illi nqabbel dak illi kelli mieghu ma' persuni ohra.*

*Jiena inhoss illi ghalkemm uzajt lilu biex nohrog mill-habs illi kelli d-dar, spiccajt biex dhalt go habs akbar meta izzewwigtu".*

Illi gew prezentati wkoll ix-xhieda ta' **David Azzopardi** u **Jonathan Attard**, it-tnejn permezz ta' affidavit.

**(ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg mal-konvenuta *stante* li qed jikkontendenti li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u fl-ahharnett peress li qed jallega li l-kontendenti rabtu l-kunsens taghhom ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi dawn il-premessi jwasslu sabiex jinghad li l-attur qed ivanta li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (g) u/jew (h) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attur qal li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, li l-attur sostna li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha

mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* .

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in **'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar**

**gja` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugja vs Raquel Anne Farrugja"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principjji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the*

*obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur sa mill-bidu nett li beda johrog mal-konvenuta ma kellu ebda hsieb ta' zwieg, anke peress li kien ghadu kemm iddivorzja; ried biss kumpanija femminili, izda l-konvenuta min-naha taghha kienet bdiet taghmel pressjoni fuqu sabiex jizzewweg anke ghaliex hija kellha iben li xtaqet li jittrabba f'familja.

Illi fil-fatt l-unika skop ta' zwieg bejn il-partijiet, mill-provi prodotti jirrizulta li kien sabiex l-istess minuri jitrabba fi status socjali ta' entita` ta' familja, tant li kien anke sar kliem sabiex l-istess minuri jigi addottat mill-attur, u jidher li dan kien l-unika animu li bih resqu l-partijiet ghall-istess stat fil-hajja taghhom, u dan aktar accentwat mill-fatt li l-konvenuta kien jinteressaha primarjament u kwazi esklussivament l-interess tal-istess binha, u min-naha l-ohra l-attur sar affezzjonat hafna lejn l-istess minuri.

Illi fil-fatt dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-istess kontendenti li turi li anke wara li hadu l-istess decizjoni, huma baqghu estraneji ghal xulxin, u ma kellhom ebda nteress ghal xulxin, specjament il-konvenuta, li ladarba akkwistat dak li riedet ghal binha, qajla wriet interess f'zewgha. Dan naturalment intebah bih l-attur, tant li ddecieda, li kontra dak li kien wieghed lill-konvenuta anke qabel iz-zwieg, huwa ma kienx ser jaddotta l-istess minuri, iben il-konvenuta, w allura l-istess relazzjoni waslet ghall-konkluzjoni naturali taghha, ta' zwieg tal-isem biss, minghajr ebda animu jew konsiderazzjoni rispettiva lejn

xulxin tant li l-attur iddeskriva l-hajja taghhom bhala *“barranin taht l-istess saqaf”.*

Illi dak li ghamel l-istess zwieg impossibbli u li turi wkoll din id-darba *da parte* tal-konvenuta, li l-kunsens kien vizzjat min-naha taghha wkoll huwa l-fatt li l-istess konvenuta bhala tali kienet avversa ghaz-zwieg minhabba xi abbuzi li hija kienet gja’ sofriet allegatament tul tfulitha, u l-unika raguni li hija ghamlet dan il-pass kienet biss il-weghda *da parte* tal-attur li kien ser jaddotta lill-binha, tant li hija bdiet il-procedura ta’ addozzjoni tal-istess minuri tliet darbiet u kull darba l-attur iwaqqaf kollox ghaliex ma riedx jaghmel dan il-pass, *nonostante* diversi promessi tieghu, kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg.

Illi dan l-animu tal-istess partijiet manifestat fl-azzjonijiet taghhom, huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **“Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhamed”** (P.A. (NA) 27 ta’ Lulju 1999) inghad li:-

*“Fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (PA. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq ‘a partnership for life’”.*

*“Mill-gurisprudenza nostrana, jista’ jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta’ taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indossubbilta’ taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta’ ghajnuna u ta’*

*assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef'*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi "element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs**

**Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. L-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' ndossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li: *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions - A Historical Synopsis and Commentary"** – pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi dan huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, u hawn issir referenza ghal dak li nghad fid-decizjoni **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhamed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) li ghaliha qed issir referenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti wara Ii hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti thoss li anke fuq din il-bazi hemm ragunijiet sabiex tintlaqa' t-talba attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (g)** jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"**(g)** jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din

il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta’ annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur, u mill-provi prodotti, kif fuq *di piu’* ampjament spjegat jirrizulta li l-kunsens tal-partijiet u partikolarment tal-konvenuta kien ibbazat fuq il-kundizzjoni li l-attur kellu jaddotta lil binha la darba jsehh iz-zwieg, tant li l-istess konvenuta nsistiet li l-attur iwieghedha li kien ser jaghmel dan ladarba jizzewgu, u ghalhekk abbazi tal-provi prodotti jidher li dan l-element gie wkoll ippruvat u ghalhekk it-talba attrici fuq din il-bazi qed tigi milqugha wkoll.

Illi l-ahhar raguni li ngabet ghat-talba ghal tali annullament hija dik abbazi tal-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*“**(h)** jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b’mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg”.*

**(iii) <u>Apprezament tal-Provi.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur u l-konvenuta dahlu ghal dan iz-zwieg qisu m’hu xejn jew in kella haga li ssir kuljum, bla ebda konsiderazzjoni kwalunkwe fuq il-hajja mizzewga u fuq ir-responsabbiltajiet godda li din l-unjoni ggib maghha, responsabbiltajiet li wara kollox fuqhom hija mibnija s-socjeta’ nostrali.

Illi bhal diversi kazi li sfortunatament qed jingiebu quddiem din il-Qorti, jidher li l-partijiet odjerni wara ftit li saru jafu lil xulxin bdew jghixu flimkien fi zmien xahar minn meta ltaqghu l-ewwel darba u malajr hadu d-decizjoni li jizzewgu, provokata mill-konvenuta, li peress li l-familjari taghha kellhom xi oggezzjonijiet ghal din ir-relazzjoni taghha mal-attur, hasbet li jekk tizzewweg l-istess genituri kien ikollhom jaccettaw speci ta’ bilfors din ir-relazzjoni, u ghalhekk fi kliemha stess *“ddecidjet illi nisfida lill-genituri tieghi jiena nitlaq mid-dar”,* u aktar ‘il quddiem qalet hekk:-

*“Jiena aktar ma kienu jaghmluli hekk aktar nissuppervja u nwebbes rasi kontrihom. Tant hu hekk illi xi tmien xhur wara li ltqajna jiena u Rachid iddecidejna li nizzewgu. Jiena dan ghamiltu biex inkompli nisfida lil tad-dar tieghu u biex ma jkollix noqghod maghhom…….”*

Illi *di piu’* l-mod laxk li bih ittiehdet tali decizjoni mill-konvenuta hija espressa minnha stess b’dan il-mod:-

*“Illi wara kollox iz-zwieg kull m’hu bicca karta, galadarba konna gja’ nghixu flimkien qabel, u ma kien ser jaghmel ebda differenza”.*

Illi dan kollu juri li l-konvenuta f’dak iz-zmien ta’ qabel iz-zwieg u fil-mument tal-kunsens taghha ghall-istess kienet affetta minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzzju fuq il-hajja mizzewga li ma hallihiex tikkoncepi u t-tifhem is-sinfikat baziku ta’ tali unjoni u l-konsegwenzi naxxenti mill-istess rabta, ghaliex mohha kien biss li tisfida lill-genituri taghha, bla ebda riferenza ghal dak li kienet thoss jew ma thossx ghall-attur. Ghaliha l-istess zwieg ma kien xejn hlief li tottjeni *status* ta’ mara mizzewga sabiex b’hekk il-genituri taghha jkun skond hija jsiru jafu li d-decizjoni taghha tehodhom hija biss u hadd izjed.

Illi certament li dan l-istat ta’ animu tal-konvenuta jimmillita kontra kull koncepiment reali tal-kunsens necessarju sabiex wiehed jew wahda jidhlu f’dan il-*commitment* intiz li jkompli jezisti tul il-hajja kollha tal-istess konjugi, anzi minn dan kollu jirrizulta li l-istess konvenuta, tant kienet perturbata bl-attagament tal-genituri taghha, li kulma ghamlet inkluz li tghix mal-attur, u fl-ahharnett li tizzewweg lill-istess attur kien biss immirat bhala risposta ghall-genituri taghha u xejn izjed.

Illi dan kollu huwa manifestat mill-fatt li tul ir-relazzjoni taghha mal-attur hija dejjem fittxet biss l-interessi taghha u xejn izjed, u qajla kien jimportaha mill-attur u s-sentimenti tieghu, bil-konsegwenza li l-istess relazzjoni sfaxxat wara ftit ta’ zmien biss u l-attrici kellha wkoll relazzjonijiet ma’ terzi persuni tas-sess oppost.

Illi dan jikkonferma t-tezi attrici li l-konvenuta fil-kunsens taghha eskludiet elementi essenzjali taz-zwieg ukoll tant li fil-fatt hija qatt ma kienet intenzjonata li tghix ta’ mara bhala mara tal-istess attur.  Anzi riedet u nsistiet li tibqa’ taghmel dak li riedet u joghgob lilha biss, tfittex biss l-attivitajiet li kienu kongenjali ghaliha, u fl-ahharnett ghexet hajjitha kif kienet taf u tixtieq bl-ebda rilevanza ghall dak li jhoss jew inkella kien minnha dovut lill-attur anke bhala sentementi u kuncett ta’ unjoni u familja.   Ghalhekk abbazi ta’ dak kollu premess ma hemm l-ebda dubju li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi min-naha tal-attur jirrizulta li huwa wkoll kien partecipi fid-decizjoni mghaggla li hadu l-partijiet f’dan iz-zwieg u l-konsiderazzjoni l-aktar importanti ghalih kienet il-fatt li huwa kien komdu b’din ir-relazzjoni mal-konvenuta, ladarba kienu gja’ jghixu flimkien, kienu jahdmu u huwa seta’ jkompli jipprattika l-*isport* favorit tieghu.  Huwa fil-fatt accetta ghal kollox ir-ragunament tal-konvenuta li z-zwieg kien biss sempliciment karta u ma kien ser jinbidel xejn bejniethom.

Illi fil-fatt hekk gara ghaliex il-partijiet tul il-permanenza taghhom flimkien kulma ghamlu kien biss li fittxew egoistikament dak li kien joghgob lilhom separatament, fil-kaz tal-attur l-atletika u wara hutu, b’mod li qajla jidher li impurtah fuq dak li kienet thoss il-konvenuta, li in verita’ u kif inghad kienet qed taghmel l-istess haga hija stess. L-attur ukoll ghalhekk minn dan l-att la kellu d-diskrezzjoni ta’ gudizzju necessarja sabiex jaghmel tali xelta, u wkoll fid-decizjoni vizzjata li ha, huwa wkoll eskluda pozittivament diversi elementi essenzjali taz-zwieg, peress li ma kienx preparat li jghix hajja in komunjoni mal-konvenuta.  Huwa ried biss li jsegwi l-interessi personali tieghu akkost ta’ kollox u fil-fatt hekk ghamel.  Ghalhekk jidher li l-kunsens tal-attur wkoll kien ivvizjat skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** din ir-raguni ingabet peress li l-attur qed isostni li martu l-konvenuta kienet immatura u peress li dahlet ghal dan iz-zwieg minhabba pika mal-genituri taghha. Ghalhekk skond huwa l-konvenuta f'dak iz-zmien ma kellhiex is-setghat intelletwali jew ir-rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens taz-zwieg. Pero' ghalkemm din il-Qorti thoss li l-konvenuta ma kinetx matura, kif *di piu'* lanqas kien l-attur, fic-cirkostanzi odjerna ma jidhirx li l-istess konvenuta ma kellhiex il-fakoltajiet intelletwali jew rieda bizzejjed sabiex tidhol ghaz-zwieg; il-kunsens taghha kien vizzjat ghar-ragunijiet ohra pero' certament mhux dawk indikati f'dan is-sub-artikolu.

Illi dwar id-dispozizzjonijiet citati mill-attur abbazi tal-**artikolu 19 (1) (g)** dan ma jidhirx lanqas sorrett mill-provi u ghalhekk ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg kkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fit-23 ta' Marzu 1997 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------